# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru ħamsa (5) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 2 ta' April 2014, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jixtieq jiklarifika li ma jaqbilx illi l-kameras tac-CCTV għandhom ikunu fil-konfini taż-Żurrieq [proġett tal-Ħlantun] (ref punt 3.1). Is-Sindku reġa fakkar illi 1/3 tal-proġett qed isir fil-konfini tagħna. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nispjegaw il-poziżjoni tagħna mal-MTA.

3.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ħalef li qatt ma sema isem t'avukat [ref punt 3.3] u li s-Sindku kien qal illi se jieħu parir legali. Is-Sindku ma qabilx mas-sur Busuttil. Is-Sindku qal illi talab lil avukat biex inaqqas ammont mill-kont wara li sema mingħand il-kunsilliera wara l-aħħar laqgħa, izda qal illi l-avukat kien għamel ħafna xogħol u għalhekk ma setax inaqqas l-ammont. Is-Sindku qal illi l-avukat staqsa

jekk jistma x-xogħol tiegħu meta resaq din it-talba. Qal illi lest juri x-xogħol illi għamel l-avukat fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku fakkar illi l-AKL kellhom il-kuntratt rigward il-ftehim tal-ħaddiema tal-IPSL u riedu ittra tal-avukat biex ħadna kopja tal-kuntratt aħna. Qal illi kien hemm ukoll riċerka involut u saru affidavids fejn il-ħaddiema qalu li kienu qegħdin jaħdmu l-istess ħinijiet bħal ma kienu taħt il-leġislatura preċedenti . Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li kellhom ikunu jafu l-informazzjoni qabel. Is-Sindku qal illi ma setax jagħti ċertu informazzjoni qabel. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma qabilx mal-kont ta' €1020 u qal illi dan huwa sparparjar tal-flus tal-Kunsill. Żied illi kien intqal illi ma kienx hemm €10 biex it-tabella ta' triq San Ġwann sar kif kien qabel. Is-Sindku fakkar illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil u l-kunsillier Publius Abdilla ma ffirmawx il-pagament fuq il-PAS preċedenti izda l-ħlas seta jsir għax il-maġġoranza tal-kunsilliera qablu. Il-kunsillier Publius Abdilla żied illi fil-Minuti preċedenti kien ċar illi s-Sindku kien wiegħed illi se jitlob discount u għalhekk ma steniex illi ssir il-ħlas minn l-aħħar laqgħa s'issa, avolja tlett kunsilliera ffirmaw il-PAS.

3.3 Is-Sindku kkonferma li l-bozoz f'triq il-Karwija qegħdin jaħdmu kollha [ref punt 3.4].

3.4 Il-kunsilliera qalu li l-qbil fuq punt 4.1 kien illi l-persuna li bagħtet l-ilment għandha tibgħat lil Transport Malta.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ikonferma li l-kors tal-MCA se ssir fit-28 t'April fis-6pm.

3.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-ebda membru msemmi fil-Bord tal-Għażla tal-Premju Onorefiċenża ma jista jkun membru ta' Każin [ref punt 6.2]. Ma kienx hemm problemi peress illi l-ebda persuna m'hu involut ma Każin.

3.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi it-temp sbieħ issa b'referenza għal kliem tas-Sindku rigward il-bini tal-I.T Room [ref punt 8.1]. Is-Sindku qal illi kellu jwaqqaf ix-xogħol hu minħabba l-attivita fis-sala bħala parti mill-programm ta' Jum Ħal Safi, izda dalwaqt se jitkompli x-xogħol.

**4. Korrespondenza**

4.1 Il-Kunsill irċieva ittra mill-avukat tal-Kunsill ta' Żurrieq fejn l-istess Kunsill ma qabilx mal-azzjoni li ttieħdet fil-passat fuq tabella tagħhom. Is-Sindku u l-Viċi Sindku fakkru li s-Sindku ta' Żurrieq kien ċar

illi mhux se jkun hemm problemi magħna rigward konfini waqt illi l-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-każ hija skaduta peress illi għaddew ħafna snin issa. Is-Sindku qal illi m'hemmx għalfejn nibagħtu risposta. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil reġa sema li għandna nagħmlu bandiera tar-raħal fil-konfini fejn il-katakombi. Is-Sindku qal illi jekk jibagħtuna l-qorti nagħmlu hekk.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa rigward il-kont t'€1000 għal Kazin tal-Banda. Dan huwa għad-dawl u x-xogħol tagħhom waqt l-attivita ta Milied Safi. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar illi dan il-flus se jinġabar lura mill-fondi ta' Memo 25/2013.

5.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għalfejn il-Kunsill mhux qed jixtri konkos mingħand Polidano Brothers. Is-Sindku qal illi meta xtrajna minn Polidano Brothers il-materjal ma kinitx ta' kwalita tajba, konna xtrajna minn ħaddieħor u sibna prodott aħjar. Żied ukoll illi Polidano kienu damu biex ġabu l-materjal.

5.3 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa fuq il-kont ta' Di Rocco [re materjal għal festa]. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur mingħand min nixtru dan il-materjal issoltu ma setax jipprovdi l-materjal malajr u għalhekk kelna nixtruhom minn Di Rocco.

**6. Jum Ħal Safi**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar il-kunsilliera rigward il-programm ta' Jum Ħal Safi 2014:

- Nhar il-Ħadd 6 t'April: Re-enactment bejn il-11am u 12am. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fuq il-poster hemm miktub illi se tibda fl-10am. Il-Viċi Sindku qal illi fl-10am se nibdew nikrejaw xena, waqt illi r-reenactment tibda fil-11am. Is-Sindku qal illi dawk kollha li jipparteċipaw se jieklu ikla ta' dik l-epoka wara.

- Nhar it-Tlieta 8 t'April se jkun hemm 'story-telling session' fl-iskola mill-10am-12pm, kif ukoll se niftħu l-wirja tal-pitturi tas-sur George Large. Il-Kunsill se jieħu €1000 fondi mir-Reġjun Nofsinhar għall-attivita fil-librerija.

- Nhar il-Ħamis 10 t'April se jkun hemm il-kompetizzjoni tal-inbid waqt il-"wine and pizza night" fis-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kkonferma mal-grupp Ta' Verna Folk Band illi se jdoqqu waqt l-attivita għall-prezz ta' €200 [kien l-irħas kwotazzjoni].

- Nhar is-Sibt 12 t'April se jkun hemm Sports Day Tradizzjonali fil-grawnd tal-Kunsill bejn is-2pm u l-4pm. Il-Kunsill għandu jixtri flixkun ilma, juice, frott u snack għal kull tifel u tifla.

- Nhar is-Sibt 12 t'April se jkun hemm is-serata tal-Premju Onorefiċenza fis-sala tal-iskola Primarja. Is-sur Jonathan Sciberras se jdoqq flimkien man-Novum Ensemble [€155.25 għal 30mins], il-Kunsill se jħallas €26.55 għas-sound. Żied illi se jkun hemm play tal-kors tad-Drama [madwar 17mins] waqt illi lejn l-aħħar jingħataw il-Premijiet, rikonoxximenti u l-Premju Onorefiċenza.

- Il-Ħadd 13 t'April se jkun hemm quddiesa fl-10am u riċeviment fis-sala tal-Kunsill. Is-Segretarju qal illi l-irħas kwota li rċieva għal catering kien ta' James Caterers u kkonferma magħhom peress illi ħadd ma oġġeżjona fil-laqgħa preċedenti.

**7. Ġurnata Kulturali: Ġita sa Sqallija: 29/06/2014**

7.1 Is-Sindku qal illi hemm offerta fejn għal €128 [adulti] u €58 [tfal] kull persuna, il-Kunsill jista jtella grupp Catania. Dan il-prezz jinkludi l-vjaġġ bil-katamaran, żjara Mt. Etna u sa Auchan. Qal illi għal €2 kull persuna, il-Kunsill se jiprovdi trasport minn Ħal Safi sa Marsa u lura wkoll. B'hekk il-prezz totali jammonta għal €130 [adulti] u €60 [tfal] kull persuna.

**8. Tenders: Bulky Refuse u Street Cleaning**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi sal-aħħar ta' Mejju se nkolna noħorġu tenders għal dawn is-servizzi peress illi jiskadu lejn l-aħħar tas-sena u jkollna naħsbu minn sitt xhur qabel għal tiġdid tagħhom.

**9. Laqgħa tal-Lokalita**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv skuza ruħu għax mhux se jkun jista jżomm mal-ġurnata li ta fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill peress illi ma laħħaqx ħareġ id-data għall-pubbliku fil-ħin [fuq id-DOI]. Talab biex din il-laqgħa ssir fis-7, 14 jew 16 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel illi ssir fis-7 ta' Mejju [5.15pm].

**10. Ħwejjeġ Oħra**

10.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm ħafna tgergir fuq il-proposta biex inċaqalqu l-ATM. Qal illi s-Sindku qed jieħu t-tort. Qal illi għandna nħalu l-ATM fiċ-Ċentru, avolja jifhem illi hemm min hu mdejjaq bil-problem li qed tinħoloq fejn qegħda. Il-kunsillier Carlo Stivala qabel illi hija nkonvenjenti fejn hi. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx illi l-ATM titressaq sa triq il-Ħajt Ruman peress illi mudlam u mhux ċentrali. Is-Sindku qal illi għamel riċerka izda ma setax isib post aħjar.

10.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa kemm hemm fondi tal-UIF li huma dovuti lilna. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm ftit izjed minn €28,000 u minn dawk se nuzaw €21,000. B'hekk baqalna €7,000. Il-kunsillier kompla billi qal illi MEPA se jżomm 30% mill-fondi tal-UIF għall-ħitan. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien staqsa lil MEPA rigward dan minħabba l-proġett tal-ġnien ta t'Amparell [fejn il-Kunsill se juza fondi tal-UIF] u mhux se taffetwana.

10.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm krejn f'nofs triq Rqajja u qal illi qed toħloq il-perikli. Is-Sindku qal illi l-persuna li qed jagħmel ix-xogħol ried jarma l-krejn ftit izjed il-barra izda s-Sindku ma qabilx peress illi kienu jiżdiedu l-perikli fejn ried jagħmilha hu. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi issa kif toħroġ isib blind corner issa kif inhi. Qal ukoll illi għalaq it-triq matul il-ġimgħa. Staqsa wkoll rigward l-insurance u s-Sindku aċċerta li l-krejn huwa inxurjat u biċ-ċertifikat tal-inġineer.

10.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm mera miksura f'triq il-Karwija.

10.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi semgħa li se ssir tunnel taħt Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku qal illi bagħat lil EneMalta biex jara x'qed jiġri u qal illi hemmhekk hemm ħafna boreholes reġistrati li ħadd ma talab il-pożiżjoni tagħhom, Għalhekk qal illi se jibgħat P.A nos lil MEPA issa.

10.6 Is-Sindku qal illi rċieva talba mill-ħaddiema biex nixtru driller ta' kwalita tajba bil-hammer u variable speed. Qal illi rċieva kwotazzjoni ta' €295. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa għalfejn għandhom bzonn waħda. Is-Sindku rrisponda illi qegħdin juzaw wieħed żgħir li ma jaħdimx sew. Il-kunsilliera qablu max-xiri ta' driller izda l-ewwel il-Kunsill għandu jara mal-aġenti.

10.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm karozzi li qegħdin jipparkjaw fl-isqaq San Mikiel. Is-Sindku qal illi kien hemm qbil meta saret il-Misraħ illi persuna jista jneħħi l-ħadida u jipparkja hemm peress illi tilef żewġ postijiet tal-parkeġġ meta għamilna l-proġett. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi rċieva talba biex dak li jipparkja hemm ngħidulu biex ma jipparkjax bis-silencer tħares lejn il-bibien.

10.8 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa dwar il-possibilta li jsiru bins tal-klieb f'triq il-Karwija. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku żied illi fit-tender il-ġdid tal-istreet sweeping għandna nżidu li l-kuntrattur għandu ibattal il-bins t'hemmhekk.

**11. Laqgħa li jmiss**

11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8pm.

11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit-23 t'April 2014 fl- 4pm wara li qablu bejniethom il-kunsilliera.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |